Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,725, 29 ta' Diċembru, 1998
Taqsima B

A.L. 277 ta' l-1998

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nollijiet għal Servizz tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport u Kommunikazzjoni u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjien:–

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nollijiet għal Servizz tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Nollijiet għal Servizz tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 13 ta' l-1997.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2)

Nollijiet	Tariffi fuq bażi ta' vjaġġ bir-ritorn
1. **Noll *Standard* għall-Passiġġier** Dan in-noll japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk residenti permanenti f'Għawdex u detenturi tal-Karta Anzjan, li jivvjaġġaw fuq il-vapuri tal-Kumpanija bejn ix-xhur ta' April u Ottubru.	**Lm 1.75**
2. **Noll *Standard* għall-Passiġġier** Dan in-noll japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk residenti permanenti f'Għawdex u detenturi tal-Karta Anzjan, li jivvjaġġaw mill-Imġarr, Għawdex fuq il-vapuri tal-Kumpanija wara t-tmienja ta' filgħaxija u qabel l-ewwel vjaġġ ta' filgħodu li jidher fuq nett fil-kolonna tat-Tluq fl-Iskeda pubblikata tal-Vjaġġi tal-Kumpanija bejn ix-xhur ta' Novembru u Marzu.	**Lm 1.50**
3. **Noll Sussidjat għal Passiġġier li jkun Residenti f'Għawdex** Dan in-noll japplika għal residenti permanenti f'Għawdex.	**Lm 0.30**
4. **Noll Sussidjat għal Passiġġier Anzjan** Dan in-noll japplika għal kull detentur tal-Karta Anzjan.	**Lm 0.50**
5. **Noll għat-Tfal** Dan in-noll japplika għat-tfal kollha minn 3 sa 12-il sena.	**Lm 0.50**
6. **Noll *Standard* għal Karozza u Sewwieq** Dan in-noll japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk residenti permanenti f'Għawdex, li jivvjaġġaw fuq il-vapuri tal-Kumpanija bejn ix-xhur ta' April u Ottubru.	**Lm 5.75**
7. **Noll *Standard* għal Karozza u Sewwieq** Dan in-noll japplika għall-passiġġieri kollha, minbarra dawk residenti permanenti f'Għawdex, li jivvjaġġaw mill-Mġarr, Għawdex fuq il-vapuri tal-Kumpanija wara t-tmienja ta' filgħaxija u qabel l-ewwel vjaġġ ta' filgħodu li jidher fuq nett fil-kolonna tat-Tluq fl-Iskeda pubblikata tal-Vjaġġi tal-Kumpanija bejn ix-xhur ta' Novembru u Marzu.	**Lm 4.50**

Nollijiet	Tariffi fuq bażi ta' vjaġġ bir-ritorn
8. **Noll *Standard* għal Karozza u Sewwieq Residenti f'Għawdex** Dan in-noll japplika għall-passiġġier li jkun residenti f'Għawdex.	**Lm 2.30**
9. **Noll għal Karozza u Sewwieq li jkun Passiġġier Frekwenti u Detentur tal-Karta Anzjan** Dan huwa noll speċjali għal karozza u passiġġier li japplika biss għal detenturi tal-Karta Anzjan li jivvjaġġaw b'mod frekwenti matul għaxart ijiem li jkunu. Dan il-biljett ikun jiswa għal għaxart ijiem biss u d-detentur ikollu dritt jivvjaġġa għal ħames darbiet b'dan il-biljett. Id-dokumenti ta' identità li jkunu meħtieġa għal dan il-biljett ikunu l-Karta Anzjan, li n-numru tagħha jiġi indikat bil-miktub fuq kull porzjon tal-biljett. In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura għandu wkoll ikun indikat bil-miktub fuq kull porzjon tal-biljett u tkun dik il-vettura li tkun ġiet hekk reġistrata biss li tkun tista' tivvjaġġa b'dak il-biljett. Dawn il-biljetti jkunu validi biss jekk jintwerew mad-dokument ta' identità li jkun ġie preżentat meta jkunu nxtraw u li n-numru tiegħu jkun ġie indikat bil-miktub fuqhom. Dawn il-biljetti mhumiex trasferibbli u għandhom jintużaw matul il-perjodu ta' validità tagħhom ta' għaxart ijiem.	**Lm15.00**
10. **Noll għal Karozza u Sewwieq li jkun Passiġġier Frekwenti** Dan huwa noll speċjali għall-passiġġieri kollha bla ebda distinzjoni ta' residenza li jivvjaġġaw bil-karozza b'mod frekwenti matul żmien ta' għaxart ijiem. Dan il-biljett ikun jiswa għal għaxart ijiem biss u d-detentur ikollu jedd jivvjaġġa għal ħames darbiet b'dan il-biljett. Il-kriterji l-oħra għax-xiri ta' dan il-biljett huma l-istess bħal ma huma għan-Noll għal Karozza u Sewwieq li jkun Passiġġier Frekwenti u Detentur tal-Karta Anzjan ħlief li d-dokumenti meħtieġa għal dan il-biljett ikunu jew Karta ta' Identità jew Passaport validi.	**Lm21.25**
11. **Noll *Standard* għal *Motor-Cycle* u Sewwieq**	**Lm 3.00**
12. **Noll għal *Motor-Cycle* u Sewwieq Residenti f'Għawdex** Dan in-noll japplika biss għal residenti permanenti f'Għawdex	**Lm 1.30**
13. **Noll *Standard* għal *Bicycle***	**Lm 0.50**
14. **Noll *Standard* għal *Trailer* Miġbud (sa 5 metri)**	**Lm 5.00".**